

31989R2159

19.7.1989

IL-ĠURNAL UFFIĊJALI TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ

L 207/19

IR-REGOLAMENT TAL-KUMMISSJONI (KEE) Nru 2159/89**tat-18 ta' Lulju 1989****fejn jingħaddu regoli dettaljati għall-applikazzjoni ta' miżuri speċifiċi għall-lewż u l-ħarrub li jaqgħu taħt it-Titolu Ila tar-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 1035/72**

IL-KUMMISSJONI GĦALL-KOMUNITAJIET EWROPEJ,

Wara li kkunsidraw it-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ekonomika Ewropea,

Wara li kkunsidraw ir-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 1035/72 tat-18 ta' Mejju 1972 dwar l-organizzazzjoni komuni tas-suq fil-ħaxix u l-frott⁽¹⁾, kif l-aħħar emendat mir-Regolament (KEE) Nru 1119/89⁽²⁾ u b'mod partikolari l-Artikolu 14g tiegħu,

Wara li kkunsidraw ir-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 1676/85 tal-11 ta' Ġunju 1985 fuq il-valuta monetarja u r-rati tal-kambju li għandhom jiġu implimentati għar-raġunijiet tal-politika agrikola komuni⁽³⁾, kif l-aħħar emendata mir-Regolament (KEE) Nru 1636/87⁽⁴⁾, u b'mod partikolari l-Artikolu 5(3) tiegħu,

Filwaqt li t-Titolu Ila tar-Regolament (KEE) Nru 1035/72 jipprovdi miżuri speċifiċi varji biex jagħmlu tajjeb għan-nuqqas ta' faċilitajiet produttivi u tas-suq għal xi lewż u ħarrub; filwaqt li l-għajnuniet ipprovduti huma garantiti mill-organizzazzjonijiet tal-produtturi li kisbu għarfien speċifiku u li ssottomettew pjan approvat mill-awtorità nazzjonali kompetenti għat-titjib fil-kwalità u l-bejgħ tal-prodott tagħhom;

Filwaqt li għandu jiġi ċċarat li għarfien speċifiku bħal dan mhux soġġett għal għarfien minn qabel taħt l-Artikolu 13 tar-Regolament (KEE) Nru 1035/72; filwaqt li hu garantit irrispettivament minn ta' l-aħħar hekk kif il-kondizzjonijiet speċjali mgħoddija għal dan l-istess għarfien jintlaħqu;

Filwaqt li l-kondizzjonijiet mgħoddija għal għarfien garantit għandhom jipprovdu assigurazzjoni raġjonevoli li l-organizzazzjonijiet tal-produtturi li qegħdin jirċievu għajnunata mill-Komunità sejrini, minħabba l-għan u ż-żmien ta' l-attivitatiet tagħhom u l-istess metodu ta' l-operazzjoni tagħhom, jgħinu biex isaħħu t-titjib mixtieq fil-faċilitajiet produttivi u l-bejgħ tal-prodotti diskussi; filwaqt li biex jassiguraw li organizzazzjonijiet ta' produtturi bħal dawn igawdu għall-inqas minn grad ta' stabbiltà, limiti minimi għandhom jingħaddu għal numru ta' membri u għall-kwantitatiet ta' lewż u ħarrub, skond il-karatteristiċi tar-reġjuni varji fil-Komunità; filwaqt li, bl-istess għan, għandu jinħtieġ li l-istatuti ta' organizzazzjonijiet simili għandhom jinkludu klawżoli li jistqarru b'mod speċifiku li l-produtturi għandhom jikkontrollaw id-deċizzjonijiet u jivverifikaw l-operazzjoni ta' l-organizzazzjoni u l-klawsoli penali għal kwalunkwe ksar tar-regoli miftehema;

Filwaqt li, fl-interessi ta' l-effiċjenza u l-organizzazzjoni tajba, l-ghajnunata garantita mill-Istat Membru u l-Komunità għall-pjanijiet ta' titjib fil-kwalità u arranġamenti fis-suq għandhom jintużaw biss biex jiffinanzjaw pjantazzjonijiet marġinali; filwaqt li l-ispazju minimu ta' għnien bil-frott speċjalizzat għandu jkun definit għal kull reġjun ta' produzzjoni;

Filwaqt li definizzjonijiet għandhom jingħaddu għal tipi ta' miżuri li jistgħu jiġu inklużi fi pjanijiet fejn l-għan ewlieni hu li titjib il-kwalità tal-produtturi skond l-Artikolu 14d tar-Regolament (KEE) Nru 1035/72; filwaqt li, għalkemm l-awtoritajiet nazzjonali sejrini ikunu responsabbli biex japprovaw il-pjanijiet, għandu jkun hemm konsultazzjoni u kooperazzjoni amministrattiva mal-Kummissjoni sabiex l-għanijiet tar-regolament ikunu osservati u sabiex il-Kummissjoni tista', jekk meħtieġ, titlob alterazzjonijiet fil-pjan ta' l-abbozz jew anke tirrifjuta li tapprova l-għoti ta' għajnunata finanzjarja nazzjonali jew fil-Komunità;

Filwaqt li għandu jkun iċċarat liema miżuri għal żvilupp u titjib fil-konsum tal-Komunità u l-użu tal-lewż u l-ħarrub sejjir jikkwalifika għal għajnunata finanzjarja mill-Komunità; filwaqt li, għal dan il-għan, il-pjanijiet sottomessi għandhom joffru xi garanzija li huma fl-interess tal-Komunità, li l-miżuri meħuda sejrini ikunu effettivi, u li l-impatt dirett jew indirett tagħhom se jkun li jżid il-konsum u l-użu tal-prodotti kkonċernati; filwaqt li l-pjanijiet għandhom jiġu sottomessi minn soċjetajiet ta' kummerċ jew gruppi b'xi esperjenza teknika jew minn rappreżentanti tas-setturi ekonomiċi kkonċernati; filwaqt li, sakemm mhux ipprovdut xort'oħra mill-Komunità, il-wirja jew is-supervizzjoni diretta tax-xogħol mis-soċjetà jew il-grupp li ssottometta l-pjan għandu jittqies bħala evidenza tal-bona fede ta' l-individwi li qed jikkonkludu kuntratt mal-Kummissjoni; filwaqt li għandu jiġi stipulat li r-regoli varji fil-kariga ta' l-għemil ta' l-intrapriżi mogħtija għandhom jingħaddu f'kuntratt;

Filwaqt li xi regolamenti għandhom jingħaddu għall-finanzjament ta' l-ghajnunata li għandha titħallas mill-EAGGF Sezżjoni Garanziji skond it-Titolu Ila tar-Regolament (KEE) Nru 1035/72; Filwaqt li għandu jiġi iċċarat li għajnunata Komunitarja tista' titħallas minn Stat Membru biss meta, jew madanakollu mhux qabel, l-ghajnunata nazzjonali tkun tħallset biss wara li jitwettqu tfitxijiet kif suppost;

⁽¹⁾ ĠU L 118, ta' l-20.5.1972, p. 1.

⁽²⁾ ĠU L 118, tad-29.4.1989, p. 12.

⁽³⁾ ĠU L 164, ta' l-24.6.1985, p. 1.

⁽⁴⁾ ĠU L 153, tat-13.6.1987, p. 1.

Filwaqt li l-għajnuna għall-implimentazzjoni ta' pjanijiet biex itejjbu l-kwalità u l-arranġamenti tas-suq għandhom jitħallsu fis-sena fuq il-bażi tax-xogħol attwalment magħmul skond il-pjanijiet approvati; filwaqt li l-ammont massimu ta' għajnuna għall kull 11.96 jarda kwadri, kif iffissat mir-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 790/89⁽¹⁾, għandu jiġi kkonvertit għall-valuta nazzjonali kkonċernata bir-rata ta' konverżjoni agrikola applikabbli fl-ewwel għana ta' kull sena fis-suq, skond id-dispożizzjonijiet tar-Regolament (KEE) Nru 1676/85;

Filwaqt li, għall-għanijiet ta' implimentazzjoni tal-miżuri speċifiċi varji diskussi, l-organizzazzjonijiet tal-produtturi li jirċievu l-għajnuna għandhom ikunu obbligati li jitrasmettu informazzjoni dettaljata u preċiża, f'intervalli determinati minn qabel, lill-awtorità maħtura mill-Istat Membru sabiex l-istess awtorità tista' tikkontrolla l-għemil ta' l-intrapriżi mogħtija mill-organizzazzjonijiet tal-produtturi;

Filwaqt li l-obbligu tal-benefiċjarji li jipprovdu informazzjoni ma tistax fiha nnifisha tigarantixxi organizzazzjoni kif suppost tal-miżuri kkonċernati; filwaqt, għalhekk, li għandu jiġi ċċarat liema verifika ta' dokumenti u tfittxijiet fuq il-post għandhom isiru mill-awtoritajiet nazzjonali flimkien mat-tipi varji ta' għajnuna taħt it-Titolu IIa tar-Regolament (KEE) Nru 1035/72;

Filwaqt li l-aktar nuqqasijiet serji ta' għemil ta' l-obbligi mgħoddija fir-Regolament (KEE) Nru 1035/72 jew f'dan ir-Regolament għandhom jiġu penalizzati b'mod xieraq;

Filwaqt li l-miżuri taħt dan ir-Regolament huma skond l-opinjoni tal-Kumitat tat-Tmexxija għall-ħaxix u l-Frott,

ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

Artikolu 1

1. L-Organizzazzjonijiet ta' proċedura marbuta fil-produzzjoni u s-suq tal-lewż u/jew il-ħarrub

— li rċevew għarfien speċifiku skond it-Titolu I, u

— li ssottomettew pjan ta' kwalità u titjib fis-suq li jilħaq il-ħtiġijiet tat-Titolu II u li hu approvat mill-Istat Membru kkonċernat għandhom jikkwalifikaw għall-miżuri speċifiċi taħt it-Titolu IIa tar-Regolament (KEE) Nru 1035/72,

kif soġġett għar-regoli mgħoddija fit-Titli II, III u IV ta' dan ir-Regolament.

2. Il-Komunità għandha tikkontribwixxi, fuq it-termini mgħoddija fit-Titli IV u V lejn miżuri finanzjarji biex jespandu u jtejbu l-konsum u l-użu tal-prodotti hawn fuq imsemmija.

⁽¹⁾ ĠU L 85, tat-30.3.1989, p. 6.

It-Titolu I

L-Għarfien speċifiku ta' organizzazzjonijiet tal-produtturi ta' lewż u/jew il-ħarrub

Artikolu 2

L-Istati Membri għandhom jigarantixxu għarfien speċifiku lill-organizzazzjonijiet u l-gruppi ta' produtturi (minn hawn il-quddiem imsejħa "l-organizzazzjonijiet tal-produtturi") marbuta fil-produzzjoni u s-suq tal-lewż u/jew il-ħarrub:

1. li kienu stabbiliti bl-instigazzjoni tal-produtturi nfushom bl-għan li jakkwistaw, fis-settur tal-lewż u l-ħarrub, l-għanijiet imsemmija fl-Artikolu 13(1)(a) tar-Regolament (KEE) Nru 1035/72;
2. li jeħtieġu li l-membri tagħhom jilhqgħu l-obbligi msemmeja f'dan l-Artikolu;
3. li jagħmlu disponibbli għall-membri tagħhom faċilitajiet tekniċi għall-operazzjonijiet tal-bejgħ minn qabel, li jinkludu l-irfiġh u l-ippakkjar tal-prodotti kkonċernati;
4. liema statuti:
 - (a) jagħmluha ta' bil-fors għall-produtturi li jkollhom il-produzzjoni kollha tal-lewż u/jew il-ħarrub tagħhom mibjugħ mill-organizzazzjoni tal-produtturi;
 - (b) jinkludu dispożizzjonijiet imfassla biex jassiguraw li l-produtturi għandhom kontroll fuq l-organizzazzjoni u d-deċiżjonijiet li tieħu;
 - (c) jqiegħdu penali għal kwalunkwe ksur tar-regoli ta' l-organizzazzjoni mill-produtturi li jagħmlu parti minnha;
 - (d) jagħmluha obligatorjuja għall-produtturi:
 - li jagħmlu parti mill-organizzazzjoni tal-produtturi għall-perjodu ta' mill-inqas tliet snin,
 - li jagħtu avviż tat-tluq tagħhom minn hemm mill-inqas 12-il xahar qabel;
 - (e) li jinkludu dispożizzjonijiet dwar il-ħlas li għandu jitħallas mill-membri tagħhom;
5. li jipprovdu xhieda ta' livell suffiċjenti ta' attività ekonomika, li tirrapreżenta fl-istess waqt:
 - numru minimu ta' produtturi,
 - produzzjoni minima għal kull prodott u għal kull reġjun ta' produzzjoni (L-Anness I);
6. li jagħtu intrapriża miktuba biex jissottomettu pjan ta' kwalità u titjib fis-suq skond it-Titolu II;
7. li jżommu kontijiet separati għall-attivitàjiet tagħhom li għandhom x'jaqsmu mal-lewż u/jew il-ħarrub.

Artikolu 3

1. L-organizzazzjonijiet tal-produtturi għandhom jissottomettu l-applikazzjoni tagħhom għall-għarfien speċifiku lill-awtorità kompetenti maħtura mill-Istat Membru, flimkien ma' l-artikli tagħhom ta' inkorporazzjoni u d-dettalji mniżżla fl-Anness II.

2. L-awtorità kompetenti għandha tagħmel tfittxija fuq il-preċiżjoni tad-dettalji mogħtija minn eżaminazzjoni kruċjali ta' dokumenti u minn spezzjonijiet fuq il-post. F'każijiet dubjużi l-awtorità kompetenti għandha twettaq tfittxijiet xierqa biex tassigura ftehim mal-kondizzjonijiet mgħoddija fl-Artikolu 2.

3. Għandu jingħata għarfien speċifiku fi żmien tliet xhur minn meta tiddaħħal l-applikazzjoni, dejjem soġġetta għal dewmien li jirriżulta minn kwistjonijiet oħra.

4. Kull sena, qabel l-1 ta' Novembru, l-organizzazzjonijiet tal-produtturi għandhom jgħaddu lill-awtorità kompetenti verżjoni aħharja tad-dettalji mniżżla fl-Anness II.

Artikolu 4

L-awtorità kompetenti għandha tagħmel tfittxijiet perjodiċi, u ta' l-inqas kull tliet snin, biex tassigura li l-organizzazzjonijiet tal-produtturi mgħarfa skond l-Artikolu 3 qeġħdin joperaw b'mod korrett u qed josservaw il-kondizzjonijiet mgħoddija għall-għarfien tagħhom.

L-awtorità kompetenti għandha tirtira għarfien speċifiku jekk issib li:

- ma kinux osservati l-obbligi li fuqhom l-għarfien hu kondizzjonali,
- ma ngħatawx id-dettalji msemija fl-Artikolu 3(4), jew
- id-dettalji li ngħataw iqarrqu deliberatament.

Artikolu 5

Kull sena, mal-31 ta' Diċembru, jgħaddu lill-Kummissjoni:

1. lista ta' l-organizzazzjonijiet tal-produtturi għall-lewż u/jew il-ħarrub li rċevew għarfien speċifiku;
2. għal kull organizzazzjoni tal-produtturi, il-formola murija fl-Anness II, kompluta kif suppost.

It-Titolu II

Il-pjan ta' kwalità u t-titjib fis-suq

Artikolu 6

Għall-għanijiet ta' dan ir-Regolament, spazju omoġenju u mwaħħad użat għat-tkabbir tal-lewż u/jew il-ħarrub, mgħaruf bħala "għnien bil-frott", għandu jfisser pjantazzjoni li mhix maqtugħa minn hśad jew pjantazzjonijiet oħra u li hi

ġeografikament kontinwa. Linja waħda ta' siġar tal-lewż u/jew siġar tal-ħarrub miżrugħa matul it-toroq, jew hśad ieħor m'għandux jitqies bħala għnien bil-frott.

L-ispezju tal-ġonna bil-frott maħsuba għal raġunijiet ta' l-applikazzjoni ta' dan it-Titolu u għall-għoti ta' għajnuna finanzjarja mill-Istat Membru u l-Komunità m'għandux ikun anqas minn spazju mkejje bejn l-0,20 u l-11.9 jardi kwadri.

Artikolu 7

Il-pjan ta' kwalità u titjib fis-suq, minn hawn il-quddiem imsejjaħ il-"pjan", li l-organizzazzjoni tal-produtturi tibda biex timplimenta fuq il-ftit jew il-ġonna bil-frott kollha li jappartjenu għall-membri tagħha, għandha tagħmel tajjeb għal wieħed jew aktar mit-tipi ta' miżuri li ġejjin, bl-għan li jtejbu l-produttività ta' l-aħħar:

- it-tħaffir ta' siġar tal-lewż u/jew siġar tal-ħarrub, u wara l-impjantazzjoni ta' siġar ġodda,
- konverżjoni differenti,
- it-titjib ta' metodi tekniċi għat-tkabbir, iż-żamma u ż-żbir tal-ġonna bil-frott,
- titjib ġenetiku u ċertifikazzjoni, stimulazzjoni u pollinazzjoni,
- preparazzjoni tal-ħamrija, fertilizzazzjoni u titjib,
- l-ippjanar u l-implimentazzjoni ta' kontroll tal-pesti,
- il-provvista ta' għajnuna teknika lill-membri ta' l-organizzazzjoni, taħt forma ta' sħarriġ u tmexxija fit-twettiq tal-hśad,
- l-akkwist u l-użu tal-preparazzjoni tas-suq, l-irfiġh, l-ippakkjar u faċilitajiet oħra,
- għajnuna teknika bl-organizzazzjoni tal-bejgħ.

Miżuri li jikkwalifikaw għal għajnuna finanzjarja taħt ir-regolament strutturali m'għandhomx ikunu eliġibbli taħt dan ir-Regolament.

Artikolu 8

1. L-organizzazzjonijiet tal-produtturi għandhom jissottomettu l-abbozzi ta' pjanijiet tagħhom għall-approvazzjoni minn awtorità kompetenti maħtura mill-Istat Membru, fil-forma murija fl-Anness III u flimkien mad-dokumenti kollha ta' appoġġ.

L-implimentazzjoni tal-pjan m'għandhiex tibda sakemm din ta' l-aħħar ma tkunx approvata mill-awtorità nazzjonali kompetenti.

2. L-awtorità kompetenti għandha tieħu deċiżjoni dwar l-abbozz tal-pjan sa ħames xhur minn meta tirċievi dan ta' l-aħħar. Talbiet għal tibdiliet kif imsemija fil-paragrafu 3 (b) għandhom jiżvolġu f'dak il-perjodu.

L-awtorità kompetenti għandha:

- tuża l-mezzi kollha xierqa, inklużi l-ispezzjonijiet ta' fuq il-post, biex teżamina l-preċiżjoni ta' l-informazzjoni pprovduta fuq il-kondizzjoni u l-komposizzjoni tal-ġonna bil-frott li jappartjenu lill-membri ta' l-organizzazzjoni tal-produtturi fiż-żmien meta l-pjan jiġi sottomess,
- teżamina li l-pjan ġie sottomess taħt il-forma murija fl-Anness III u li timxi ma' l-għanijiet ta' dan it-Titolu,
- tivverifika l-konsistenza ta' l-ekonomija nnifisha u l-validità teknika ta' l-abbozz tal-pjan, il-validità ta' l-estimi u l-pjan ta' finanzjament, u l-ħin għall-implimentazzjoni.

Qabel l-aħħar tat-tieni xahar wara l-irċevuta tal-pjanijiet ta' l-abbozz, l-awtorità kompetenti għandha tgħaddi lill-Kummissjoni dawk li jistgħu, fl-opinjoni tagħha, jiġu approvati taħt l-Artikolu 14d tar-Regolament (KEE) Nru 1035/72, flimkien ma' stima ġenerali tal-konformità tagħhom mal-kriterji msemmija fit-tielet daħla tas-subparagrafu preċedenti.

Sa 60 jum mill-irċevuta ta' komunikazzjoni simili, il-Kummissjoni għandha, titlob lill-awtorità kompetenti biex tirrifjuta xi pjanijiet jew biex timmodifikahom.

3. L-awtorità kompetenti għandha:

- (a) jew tapprova l-pjanijiet jekk jilhqgħu l-ħtiġijiet ta' l-Artikolu 14d tar-Regolament (KEE) Nru 1035/72 u l-ħtiġijiet ta' dan it-Titolu;
 - (b) jew titlob tibdiliet fl-abbozz tal-pjanijiet, jew fuq l-inizjattiva tagħha stess jew fuq talba tal-Kummissjoni. Abbozz tal-pjanijiet m'għandhomx jiġu approvati sakemm ma jinkorporawx it-tibdiliet mitluba;
 - (c) jew tirrifjuta pjanijiet, jew fuq l-inizjattiva tagħha stess jew fuq talba tal-Kummissjoni.
4. Fejn ikun hemm talba għal tibdil fil-pjan minħabba raġunijiet tekniċi jew permezz ta' xewqa biex l-ispazju kopert mill-pjan ikun estiż, b'mod partikolari wara żieda fin-numru ta' membri produtturi, l-awtorità kompetenti għandha tieħu deċiżjoni skond dan l-Artikolu. Madankollu, il-limitu ta' żmien għall-implimentazzjoni tal-pjan emendat ma jistax jeċċedi dak oriġinarjament mqiegħed.
5. Matul l-implimentazzjoni ta' kull pjan l-awtorità kompetenti għandha tagħmel ftittxijiet perjodiċi, permezz tar-rapporti tagħhom li għandhom jintbagħtulha kull sena mill-organizzazzjonijiet tal-produtturi kkonċernati u permezz ta' mezzi ta' spezzjonijiet fuq il-post, fuq il-progress magħmul bl-implimentazzjoni tal-pjan approvat, fuq jekk ix-xogħol magħmul jaqbilx mal-ħtiġijiet tekniċi u finanzjarji, u fuq il-preċiżjoni tad-dokumenti ta' appoġġ sottomessi.

Mill-inqas żewġ spezzjonijiet fuq il-post għandhom isiru fuq kull pjan fl-implimentazzjoni tiegħu.

Artikolu 9

Kull sena, mal-31 ta' Diċembru, l-awtorità kompetenti għandha tgħaddi lill-Kummissjoni rapport fuq il-progress magħmul fl-implimentazzjoni tal-pjanijiet approvati u fuq ir-riżultat ta' l-ispezzjonijiet imwettqa u għandha tipprovi lill-Kummissjoni bl-informazzjoni kollha rilevanti f'każ li jkun hemm xi

diffikultajiet matul l-implimentazzjoni li jistgħu jqiegħdu f'periklu l-għemil tax-xogħolijiet mogħtija mill-organizzazzjonijiet tal-produtturi.

It-TITOLU III

Għajnuna għall-formazzjoni ta' l-organizzazzjonijiet tal-produtturi u għall-istabbilir ta' fond rivolġenti

Artikolu 10

Għall-għanijiet tal-kalkolu ta' rata-bażika ta' għajnuna oħra għall-formazzjoni ta' l-organizzazzjonijiet tal-produtturi kif magħmul tajjeb għalihom fl-Artikolu 14b tar-Regolament (KEE) Nru 1035/72:

1. il-kwantitajiet li għandhom jitqiesu għandhom ikunu dawk ta' prodotti li għadhom ma tqaxxru; fil-każ tal-ħarrub, il-kwantitajiet li għandhom jitqiesu għandhom ikunu dawk ta' fażola fil-qoxra;
2. il-kwantitajiet mibgħuta fis-suq għandhom jinftiehm bħala dawk fil-fatt mibjugħa matul l-ewwel sena fuq is-suq wara dik ta' għarfien speċifiku.

Artikolu 11

Sabiex jikkwalifikaw għall-għajnuna speċifika għall-istabbilir ta' fond rivolġenti taħt l-Artikolu 14c tar-Regolament (KEE) Nru 1035/72, l-organizzazzjonijiet tal-produtturi għandhom jikkomunikaw lill-awtorità kompetenti:

1. l-istruttura tal-kapital tal-fond rivolġenti u turija tal-kontribuzzjoni ta' l-organizzazzjonijiet tal-produtturi lill-istess kapital;
2. l-arranġamenti għall-finanzjament tal-fond rivolġenti sabiex ikun jista' jopera b'mod xieraq bl-għan li jilħaq l-oġġettivi taħt l-Artikolu 4c (2); turija bħal din tista' tingħata taħt forma ta' stqarrijiet minn kont bankarju separat;
3. id-dokumenti ta' appoġġ li jiċċertifikaw il-valur tal-prodott mibgħut fuq is-suq:
 - matul l-ewwel sena fuq is-suq wara d-data ta' għarfien speċifiku,
 - jew matul sena oħra fuq is-suq wara għarfien speċifiku.

Il-valur tal-prodott mibgħut fuq is-suq għandu jiġi deċiż fuq il-bażi tal-:

- volum annwali ta' bejgħ matul l-istess sena fuq is-suq,
- prezzijiet medji tal-produtturi miksuba matul dik is-sena fuq is-suq.

Artikolu 12

Matul it-tliet snin fuq is-suq wara l-ħlas ta' l-għajnuna skond l-Artikolu 18, l-awtorità kompetenti għandha twettaq ftittxijiet biex tassigura:

- li l-fond ħa dem u nżamm kif mistqarr fil-komunikazzjoni mibgħuta wara l-Artikolu 11(2), - li, fil-bidu ta' kull sena fis-suq, il-fond huwa rikostitwit. Il-valur ta' prodotti maħżuna jistgħu jitqiesu għall-għanijiet ta' evalwazzjoni skond dan l-obbligu.

— Għal raġunijiet ta' spezzjoni,

l-organizzazzjoni tal-produtturi għandha f'kull ħin iżomm disponibbli għall-awtorità kompetenti l-istatements tal-bank u dokumenti ta' appoġġ li jaċċertaw transazzjonijiet rilevanti għall-ħidma tal-fond.

It-*Titolu IV*

Miżuri promozzjonali

Artikolu 13

1. Miżuri bil-*ħsieb* li jiżviluppaw u jtejjbu l-konsum u l-użu tal-lewż u/jew il-ħarrub fil-Komunità, skond l-Artikolu 4e tar-Regolament (KEE) Nru 1035/72, għandhom ikunu tat-tipi li ġejjin:

- ir-riċerka tas-suq,
- it-tfittxija għal fetħiet ġodda,
- l-istudji ekonomiċi li għandhom x'jaqsmu mad-disinn ta' l-ippakkjar u l-preżentazzjoni,
- l-organizzazzjoni ta' kuntatti bejn l-operaturi ekonomiċi varji,
- l-organizzazzjoni ta', u l-parteċipazzjoni f'fieri u avvenimenti oħra li għandhom x'jaqsmu man-negozju,
- miżuri promozzjonali oħra minbarra kampanji ta' reklamar,
- s u testijiet dwar il-konsumatur,
- pubblikazzjonijiet speċjali,
- l-istudji fuq in-nutrizzjoni u d-dieta.

2. Sabiex jikkwalifikaw għall-finanzjament fil-Komunità, il-miżuri proposti għandhom:

- jagħmlu enfasi partikolari fuq il-fatt li l-prodotti joriġinaw mill-Komunità,
- ikollhom skop apprezzabbli fejn jidħlu s-sitwazzjoni tas-suq u d-drawwiet tas-suq,
- joffru xi garanzija għat-tlestija tagħhom b'mod sodisfaċenti,
- ikunu sottomessi jew permezz ta' soċjetà b'esperjenza teknika speċifika u sostanzjali jew permezz ta' assoċjazzjoni jew grupp li jirrapreżenta s-setturi varji tan-negozju jew l-attivitajiet ekonomiċi kkonċernati fi ħdan il-Komunità. Il-miżuri għandhom jiġu proposti minn soċjetajiet, assoċjazzjonijiet jew gruppi stabbiliti fi ħdan il-Komunità.

Miżuri li joriġinaw minn ismijiet ta' ditti jew li jagħmlu referenza għal pajjiż partikolari jew reġjun ta' produzzjoni għandhom ikun ineliġibbli.

Artikolu 14

Ħlief fejn deċiż xort'oħra, mill-Kummissjoni, il-miżuri għandhom jitwettqu mis-soċjetà, assoċjazzjoni jew grupp li sottometta l-pjan ta' l-abbozz.

Il-miżuri li jinb dew biss wara l-approvazzjoni tal-pjan ta' l-abbozz mill-Kummissjoni għandhom ikunu eliġibbli għall-finanzjament taħt dan ir-Regolament.

Spejjeż *overhead* milħuqa fuq il-miżuri kkonċernati għandhom jikkwalifikaw għall-finanzjament biss meta ma jinqabix il-persentaġġ speċifikat fil-kuntratt konkluż mal-Kummissjoni.

Artikolu 15

1. Il-proposti għall-miżuri għandhom jiġu duplikament sottomessi lill-Kummissjoni sal-31 ta' Diċembru ta' kull sena.

2. Il-Proposti għandhom jinkludu għall-inqas l-informazzjoni li ġejja:

- (a) it-titolu tal-Proposta, jiġifieri, referenza għall-miżura rilevanti jew miżuri speċifikati fl-Artikolu 13;
- (b) l-isem ta' l-isem tal-kummerċ ta' dawk li jissottomettu l-proposta;
- (c) Rendikont fil-qosor tal-miżura proposta, inkluża introduzzjoni li tfisser b'mod ċar l-oġġettivi (dianjożi ta' problemi, għanijiet li għandhom jintlaħqu, strateġija li għandha tkun segwita, eċċ.);
 - ir-riżultati mistennija, u b'mod partikolari l-impatt dirett jew indirett li wieħed jistenna li l-miżura jkollha fuq is-suq u l-konsum tal-prodotti kkonċernati,
 - il-fażijiet suċċessivi ta' l-implimentazzjoni, iż-żmien għall-implimentazzjoni;
- (d) l-ispiża tal-miżura jew miżuri proposti, mfissra f'*ecus*' u mingħajr taxa, imqasma oġġett b'oġġett (ibbażata fuq estimi kumparattivi, fejn meħtieġ) u l-pjan rilevanti ta' finanzjament;
- (e) fejn xieraq, l-iktar rapport riċenti disponibbli fuq l-attivitajiet tas-soċjetà jew il-grupp kkonċernat.

3. Il-Kummissjoni għandha tinforma s-soċjetà, l-assoċjazzjoni jew il-grupp kkonċernat fuq id-deċiżjoni meħuda fuq il-proposta tagħha sa l-1 ta' Ġunju tas-sena ta' wara. Il-Kummissjoni għandha tikkonkludi kuntratti għall-miżuri msemmija fl-Artikolu 14 ma' dawk l-applikanti li ntagħżlu l-proposti tagħhom.

Artikolu 16

1. Dwar applikazzjoni mir-*reċipjent*, avvanz sa 50 % mill-kontribuzzjoni tal-Komunità għall-ispejjeż tal-miżura għandu jitħallas, mill-*erbgħa tax-xahar* wara l-firma fuq il-kuntratt imsemmi fl-Artikolu 14, mal-preżentazzjoni ta' dokumenti ta' appoġġ xierqa. Ħlas ta' avvanzi għandu jkun soġġett għall-alloġġ, favur il-Kummissjoni, ta' assigurazzjoni fuq ammont ekwivalenti. Assigurazzjoni bħal din għandha tinħall biss mal-ftehim tal-Kummissjoni.

2. Ħlas tal-bilanċ tal-kontribuzzjoni tal-Komunità għandu jkun soġġett għal eżekuzzjoni xierqa tal-kuntratt u għal sottomissjoni, mhux aktar tard minn tliet xhur wara li l-miżura ġiet implimentata, ta' rapport infassal mir-riċipjent fejn jistma' r-riżultati tal-miżura jew miżuri.

Artikolu 17

Ir-riċipjenti ta' l-għajjnuna għandhom jgħaddu lill-Kummissjoni, jew fuq l-inizjattiva tagħhom stess jew fuq talba, l-informazzjoni kollha li għandha x'taqsam ma' l-implimentazzjoni tal-pjanijiet u għandhom ikunu sottomessi għal kwalunkwe verifiki jew spezzjonijiet imwettqa mill-Kummissjoni.

It-TITOLU V

Dispożizzjonijiet ġenerali u finanzjarji

Artikolu 18

L-għajjnuna speċifika għall-istabbilir ta' fond rivolġenti, li jħaddan sew l-għajjnuna mill-Istat Membru u l-għajjnuna tal-Komunità, għandha titħallas minn awtorità kompetenti nazzjonali lill-organizzazzjonijiet tal-produtturi sa mhux aktar tard minn tliet xhur mill-applikazzjoni għall-għajjnuna, hekk kif tkun verifikata li hi skond id-dispożizzjonijiet ta' l-Artikolu 11.

Artikolu 19

Sabiex jiksbu l-għajjnuna tal-Komunità għall-pjanijiet tagħhom ta' kwalità u titjib fis-suq, l-organizzazzjonijiet tal-produtturi li jikkwalifikaw għalhekk għandhom jissottomettu applikazzjoni għall-għajjnuna lill-awtorità nazzjonali kompetenti fl-aħħar ta' kull perjodu referenzjali.

"Perjodu Referenzjali" jfisser kull perjodu annwali ta' l-implimentazzjoni tal-pjan mill-anniversarju ta' l-approvazzjoni tal-pjan.

Applikazzjonijiet għall-għajjnuna għandhom jiġu sottomessi kull sena skond l-Anness IV, sa xahrejn wara l-anniversarju ta' l-approvazzjoni tal-pjan, u għandu jkollhom magħhom fatturi u kull evidenza ta' dokumenti oħra li għandha x'taqsam max-xogħol magħmul.

Artikolu 20

L-awtoritajiet kompetenti ta' l-Istati Membri, wara li jkunu eżaminaw l-applikazzjonijiet għall-għajjnuna u l-evidenza ta' dokumenti mogħtija bħala appoġġ, għandhom iħallsu, kull sena sa xahrejn wara li tiddaħħal l-applikazzjoni għall-għajjnuna, l-għajjnuna mogħtija mill-Istat Membru u l-Komunità skond l-Artikolu 14d (2) tar-Regolament (KEE) Nru 1035/72.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussel, fit-18 ta' Lulju 1989.

Artikolu 21

Ir-rata li għandha tintuża kull sena għall-konverżjoni għall-valuta nazzjonali għall-ammont massimu ta' għajjnuna għal kull 11.96 jarda kwadri msemija fl-Artikolu 2 tar-Regolament (KEE) Nru 790/89 għandha tkun ir-rata ta' konverżjoni agrikola nfużzata fl-ewwel ġurnata tas-sena fis-suq li tibda waqt il-perjodu referenzjali.

Artikolu 22

1. Fil-każ li xi għajjnuna titħallas bi żball, l-Istati Membri għandhom, ħlief f'każijiet ta' 'force majeure', jirkupraw l-ammonti mħallsa, kif ukoll l-interessi fuqhom mid-data meta l-għajjnuna kienet imħallsa sad-data meta ġiet irkuprata. Ir-rata ta' l-interessi li għandha tapplika għandha tkun dik infużzata għal kull operazzjoni ta' rkuprar taħt il-liġi nazzjonali.

L-Istati Membri għandhom jirkupraw kull għajjnuna mħallsa skond it-Titolu Ila tar-Regolament (KEE) Nru 1035/72 għall-organizzazzjonijiet tal-produtturi li jstabbilixxu l-attivitajiet tagħhom qabel l-aħħar tat-tielet sena wara d-data ta' għarfien speċifiku msemija fit-Titolu I ta' dan ir-Regolament jew dik meta l-għarfien speċifiku ġie rtirat taħt l-Artikolu 4.

2. L-għajjnuna rkuprata għandha titħallas lill-aġenziji ta' rimbursar jew lid-dipartimenti u mnaqqsa mill-aħharja mill-infiq finanzjat mill-Gwida Agrikola Ewropea u l-Fond Garantit a proporzjon tal-finanzjament tal-Komunità.

3. Il-konsegwenzi finanzjarji li jirriżultaw min-nuqqas ta' ħila ta' għbir ta' somom imħallsa għandhom jintrefgħu mill-Kummissjoni a proporzjon tal-finanzjament tal-Komunità.

Artikolu 23

L-Istati Membri għandhom jieħdu l-passi meħtieġa sabiex jippenalizzaw kwalunkwe nuqqas serju li jintlaħħqu l-intrapriżi mogħtija jew l-obbligi marbuta taħt it-Titolu Ila tar-Regolament (KEE) Nru 1035/72 u taħt dan ir-Regolament.

It-TITOLU VI

Id-Dispożizzjonijiet finanzjarji

Artikolu 24

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fit-tielet ġurnata wara l-pubblikazzjoni tiegħu fil-Ġurnal Uffiċjali tal-Komunitajiet Ewropej.

Għall-Kummissjoni

Ray MAC SHARRY

Membru tal-Kummissjoni

L-ANNEX I

L-INFORMAZZJONI MINIMA RAPPREŻENTATTIVA DWAR L-ATTIVITÀ EKONOMIKA MSEMMIJA FL-ARTIKOLU 2(5)

Il-Kodiċi NM	Il-Prodott	L-Assoċjazzjoni tal-Produtturi		Ir-Reġjun
		In-Numru minmu ta' membri	Il-Produzzjoni minima (1)	
0802 11	Lewż	10	100 tunnellata	Franza ir-reġjuni kollha
		50	1000 tunnellata	Spanja — żoni ta' muntanji u għoljiet u żoni inqas favoriti (2) u gżejjer
		50	2000 tunnellata	— oħrajn
		10	150 tunnellata	Il-Portugall ir-reġjuni kollha
		30	50 tunnellata	Il-Greċja ir-reġjuni kollha
		40	3000 tunnellata	L-Italja — Sqallija
		40	2500 tunnellata	— Pulja
		30	1000 tunnellata	— Sardinja u reġjuni oħra
		10	50 tunnellata	Stati Membri oħra
0802 21 00	Ġellewż	100	1000 tunnellata	Franza ir-reġjuni kollha
		50	1000 tunnellata	Spanja — żoni ta' muntanji u għoljiet u żoni inqas favoriti (2) u gżejjer
		50	2000 tunnellata	— oħrajn
		10	50 tunnellata	Il-Portugall ir-reġjuni kollha
		30	40 tunnellata	Il-Greċja ir-reġjuni kollha
		30	1000 tunnellata	L-Italja — Sqallija
		40	3000 tunnellata	— Campania
		40	2500 tunnellata	— Lazio
		30	1000 tunnellata	— Piemonte u reġjuni oħra
10	40 tunnellata	Stati Membri oħra		
0802 31 00	Ġewż	25	250 tunnellata	Franza ir-reġjuni kollha
		25	250 tunnellata	Spanja — żoni ta' muntanji u għoljiet u żoni inqas favoriti (2) u gżejjer
		25	500 tunnellata	— oħrajn
		10	50 tunnellata	Il-Portugall ir-reġjuni kollha
		5	10 tunnellata	Il-Lussemburgu ir-reġjuni kollha
		40	15 tunnellata	Il-Greċja ir-reġjuni kollha
		30	2000 tunnellata	L-Italja ir-reġjuni kollha
		5	10 tunnellata	Stati Membri oħra

Il-Kodiċi NM	Il-Prodott	L-Assoċjazzjoni tal-Produtturi		Ir-Reġjun
		In-Numru minmu ta' membri	Il-Produzzjoni minima ⁽¹⁾	
0802 50 00	Pistaċċi	30	25 tunnellata	Il-Greċja ir-reġjuni kollha
		20	150 tunnellata	L-Italja ir-reġjuni kollha
		20	25 tunnellata	Stati Membri oħra
1212 10 10	Ħarrub	50	1000 tunnellata	Spanja — żoni ta' muntanji u għoljiet u żoni inqas favoriti ⁽²⁾ u gżejjer
		50	2000 tunnellata	— oħrajn
		25	100 tunnellata	Il-Portugall ir-reġjuni kollha
		50	25 tunnellata	Il-Greċja ir-reġjuni kollha
		20	500 tunnellata	L-Italja Ir-reġjuni kollha
		20	25 tunnellata	Stati Membri oħra

⁽¹⁾ Jekk l-organizzazzjoni tal-produtturi timmaniġġa lewż varju u/jew ħarrub, il-produzzjoni minima li għandha tintlaħaq hija s-somma tal-kwantitajiet minimi mqiegħda għal kull prodott u reġjun ikkonċernat.

⁽²⁾ Fi ħdan it-tifsira tad-Direttiva tal-Kunsill 86/466/KEE ta' l-14 ta' Lulju 1986 dwar il-lista tal-Komunità ta' spazji ta' raba inqas favoriti fi ħdan it-tifsira tad-Direttiva 75/268/KEE (Spanja). ĠU L 273, ta' l-24.9.1986, p. 104.

L-ANNEX II

PAĠNA TA' INFORMAZZJONI GĦALL-ORGANIZZAZZJONIJIET TAL-PRODUTTURI

L-Istat Membru:

Is-Sena:

L-informazzjoni mgħotija hawn taħt taqbel ma'

Is-Sena fis-Suq:

1. **L-Isem tal-Kummerċ:**

.....

2. **Il-Forma legali:**3. **L-Istatuti** (Ehmez kopja)4. **L-Indirizz** (it-triq, in-numru, il-lokalità, in-numru tat-telefon, in-numru tat-telex)

— tal-kwartieri amministrattivi

.....

— tal-kwartieri tal-bejgħ

.....

5. **It-territorju kopert:**

.....

6. **In-Numru ta' membri:**

— In-Numru ta' produtturi

— In-Numru ta' membri mhux produtturi (fejn applikabbli)

7. **Id-Dettalji tal-membri**

Jekk jogħġbok ehmeż lista tal-membri, li tinkludi d-dettalji li ġejjin:

— l-isem u kunjom

— in-numru ta' artijiet użati għat-tkabbir tal-lewż u/jew il-ħarrub, flimkien man-numri ta' reġistrazzjoni ta' dawn l-artijiet

— spazju ta' art saqwi u mhux saqwi użata għat-tkabbir tal-lewż, il-ġellewż, il-ġewż, il-pistaċċi u/jew il-ħarrub

— il-kwantitajiet maħsuda, imqassma skond l-ispeċi

— il-ġabra miksuba għal kull 11.96 jarda kwadri ta' art saqwi u mhux saqwi, imqassma skond l-ispeċi

8. **Il-Fondi mogħtija mill-membri: il-ħlas għall-membri u forom oħra ta' fondi:**Il-Miżata Il-ħlas għall-membri u forom oħra ta' fondi

Ħlas għal sħubija

Il-ħlas annwali:

(a) għall-fond rivolġenti:

— l-ammont tar-rata bażika

— il-perċentwali

(b) għanijiet oħra (jekk jogħġbok speċifika)

.....

— l-ammont tar-rata bażika

— il-perċentwali

9. Ir-Regoli mqiegħda mill-organizzazzjoni tal-produtturi:

- Ir-Regoli li għandhom x'jaqsmu mal-kapaċitajiet tal-biedja IVA LE
- Ir-Regoli li għandhom x'jaqsmu mal-produzzjoni
- Ir-Regoli li għandhom x'jaqsmu mas-suq
(jekk jogħġobkom ehmžu kopja tar-regoli)

10. L-Istazzjon:

- A. L-istazzjon ta' preparazzjoni u ppakkjar: IVA LE

Id-Deskrizzjoni fil-qosor tal-faċilità: (partijiet kostitwenti, spazju kopert, eċċ):

.....

.....

.....

.....

B. Tgħamir installat:

- Il-ħżin imkessaħ: IVA LE Il-kapaċità: m³ jew
..... t
- il-gradazzjoni: IVA LE mill-bidu sa l-aħħar: t/h
- it-tqaxxir: IVA LE mill-bidu sa l-aħħar: t/h
- it-tnixxif: IVA LE mill-bidu sa l-aħħar t: t/h
- oħrajn (jekk jogħġbok speċifika):
..... mill-bidu sa l-aħħar: t/h

11. Persunal responsabbli għal:

- l-amministrazzjoni:
- l-organizzazzjoni:
- il-preparazzjoni, l-imballaġ, u l-irfiġh:
- l-assistenza teknika:
- attivitajiet oħra:

12. Spazju totali ta' ġonna bil-frott tal-membri:

Il-Prodotti	Spazju(ħa')	
	saqwi	mlux saqwi
Il-Lewż:		
— lewż		
— ġellewż		
— ġewż		
— pistaċċi		
— Oħrajn ⁽¹⁾		
Ħarrub		
ħaxix u frott ieħor ⁽¹⁾		
⁽¹⁾ Mhux obbligatorju.		

13. Informazzjoni fuq bejgħ għas-sena fis-suq preċedenti ⁽¹⁾ ⁽²⁾

Prodotti	Prodott maħsud (t)	ħażniet mhux mibjugħa (t)	Telf (t)	Il-prodott mibgħut fis-suq (t)	Il-prezz medju miksub (valuta nazż./t)	Il-valur tal-prodott mibgħut fis-suq
lewż						
ġellewż						
ġewż						
pistaċċi						
ħarrub						
Total						

14. Il-profitt jew it-telf fuq xogħolijiet fis-sena fis-suq preċedenti:

.....

.....

.....

.....

15. Il-kapital tal-fond rivolġenti ⁽²⁾:

- (a) oriġinarjament stabbilit (valuta nazżjonali)
- (b) għall-organizzazzjonijiet diġa magħrufa:
- fondi privati: (valuta nazżjonali)
- fondi pubbliċi: (valuta nazżjonali)

Total:

16. Il-kwalità u l-pjan ta' titjib fis-suq:

- (a) Data tas-sottomissjoni ⁽²⁾:
- Data ta' approvazzjoni ⁽²⁾:
- Data ta' implimentazzjoni:
- (b) Deskrizzjoni fil-qosor tal-miżuri ppjanati/proposti/fil-progress (ħassar fejn mhux applikabbli):
- Konverżjoni differenti:
-
- Titjib fis-suq:
-

⁽¹⁾ Prodotti mhux imqaxxa.

⁽²⁾ Fejn applikabbli.

Għandu jiġi komplut mill-Istat Membru

17. L-GĦARFIEN — taħt l-Artikolu 13 tar-Regolament (KEE) Nru 1035/72 għall-lewż u/jew il-ħarrub (wara l-20 ta' Marzu 1989)
 — taħt l-Artikolu 5 tar-Regolament (KEE) Nru 1360/78 għall-ħarrub (qabel l-20 ta' Marzu 1989)

Id-Data: Nru tad-deċiżjoni

Ippubblikat f: Data:

18. L-GĦARFIEN SPEĊIFIKU TAĦT L-ARTIKOLU 14b TAR-REGOLAMENT (KEE) Nru 1035/72

Id-Data: Nru tad-deċiżjoni:

Ippubblikat f: Data:

19. IR-RATA BAŻIKA ADDIZZJONALI MGĦOTIJA (fejn applikabbli)

— l-ammont ta' l-għajnuna:

— data ta' l-għoti ta' l-għajnuna:

20. L-IRTIRAR TA' L-GĦARFIEN SPEĊIFIKU

Id-Data: In-Nru tad-deċiżjoni

Ippubblikat f: Id-Data:

21. TFITTXIJET IMWETTQA

Id-Data:

Is-Suġġett:

Il-Kummenti:

.....

.....

L-ANNEX III

DESKRIZZJONI TAL-PJAN TA' KVALITÀ U TITJIB FIS-SUQ LI JAGĦMEL TAJJEB GĦALIH L-ARTIKOLU 8(1)**A. Id-Definizzjoni ta' l-ispazju ġeografiku kkonċernat****B. Id-Deskrizzjoni tas-sitwazzjoni inizjali fejn jidħlu:**1. *Il-Produzzjoni*

- numru ta' spazji miżmuma, spazju magħmul raba', ġabra għal kull 11.96 jarda kwadri, volum ta' produzzjoni maħsud u l-importanza tiegħu f'dik li hi l-produzzjoni nazzjonali. Din l-informazzjoni għandha tinqasam skond l-ispeċji tal-lewż u/jew il-ħarrub;
- l-istat tal-ġonna bil-frott (età, densità, qies, ħażna ta' eġhruq, preżenza ta' siġar tal-frott oħra, eċċ.);
- infrastruttura teknika magħmula disponibbli għall-ispazji miżmuma

2. *Assistenza teknika*3. *Is-suq*

Deskrizzjoni fil-qosor tal-faċilitajiet eżistenti, it-tgħamir u l-kapaċità.

C. Produzzjoni potenzali: għanijiet u fetħiet prospettivi**D. L-Għanijiet mfittxa mill-pjan fejn jidħlu:**1. *Il-Mezzi ta' produzzjoni*

- ir-ristrutturar u/jew il-konverżjoni tal-ġonna bil-frott (żriġ għal darb'oħra b'varjetajiet ġodda jew tibdil b'siġar tal-lewż oħra u/jew siġar tal-ħarrub oħra)
- Tekniċi ta' tkabbir (organizzazzjoni u sistemi ta' żbir, siġar mġedda, densità, l-għażla tal-varjetajiet, għażla ta' ħażniet ta' eġhruq, eċċ.)
- adattament ta' varjetajiet ġodda (ġonna bil-frott bi prova fejn l-imġieba u l-ġabra jistgħu jiġu studjati)
- adattament ta' varjetajiet ġodda (ġonna bil-frott bi prova fejn l-imġieba u l-ġabra jistgħu jiġu studjati)
- trobbija ta' materjal ċertifikat (mixtla u ġonna bil-frott li jipproduċu ferġat żgħar għal trobbija magħżula u cloning)
- kontroll tal-pesti pollinazzjoni
- preparazzjoni tal-ħamrija,
- fertilizzazzjoni u titjib (studji tal-ħamrija, titjib ta' nutrizzjoni u fertilizzazzjoni, preparazzjoni tal-ħamrija, eċċ.).

2. *Assistenza teknika (il-ħtiġijiet tal-persunal li għandhom x'jaqsmu mal-produzzjoni, stħarriġ, organizzazzjoni tal-bejgħ u amministrazzjoni).*3. *Is-suq (il-kisba ta' faċilitajiet meħtieġa għall-preparazzjoni tas-suq, l-ippakkjar, l-irfiġh, il-kompiuterizzazzjoni u l-organizzazzjoni tal-ħażniet).***E. Investimenti meħtieġa**

1. L-ispiża totali tal-pjan, maqsuma skond it-tip ta' miżura.
2. L-ispiża proviżjonali, maqsuma skond is-sena ta' implimentazzjoni.

F. Il-perjodu ta' implimentazzjoni maħsub u ż-żmien annwali

(matul perjodu ta' mhux aktar minn 10 snin).

L-ANNEX IV

APPLIKAZZJONI GĦALL-GĦAJNUNA SKOND L-ARTIKOLU 19

L-Isem il-kummerċ ta' l-organizzazzjoni tal-produtturi:

L-Indirizz amministrattiv:

(it-triq, in-numru, il-lokalità, in-numru tat-telefon, in-numru tat-telex):

In-numru tal-kont tal-bank li lilhom l-għajnuna għandha titħallas:

Għarfien speċifiku taħt l-Artikolu 14b tar-Regolament (KEE) Nru 1035/72:

Id-Data: In-numru tad-deċiżjoni

L-ispazju totali miżmum:

Il-Perjodu ta' referenza mill-:

sa:

LISTA TA' MIŻURI MWETTQA MATUL DAN IL-PERJODU

Tip ta' miżura u d-dokumenti ta' l-appoġġ meħmuża	L-Ammont
A. It-tħaffir ta' siġar tal-lewż u/jew siġar tal-ħarrub segwit miż-żriegħ ta' siġar ġodda:	
1. Nru tal-fattura: ta':	
2. Nru tal-fattura: ta':	
3. Nru tal-fattura: ta':	
4. Nru tal-fattura: ta':	
B. Konverżjoni differenti:	
1. Nru tal-fattura: ta':	
2. Nru tal-fattura: ta':	
3. Nru tal-fattura: ta':	
4. Nru tal-fattura: ta':	
Ċ. Titjib fil-metodi tekniċi ta' tkabbir, organizzazzjoni u żbir:	
1. Nru tal-fattura: ta':	
2. Nru tal-fattura: ta':	
3. Nru tal-fattura: ta':	
4. Nru tal-fattura: ta':	
D. Titjib ġenetiku u ċertifkazzjoni, stimolazzjoni u pollinazzjoni:	
1. Nru tal-fattura: ta':	
2. Nru tal-fattura: ta':	
3. Nru tal-fattura: ta':	
4. Nru tal-fattura: ta':	
E. Preparazzjoni u titjib tal-ħamrija:	
1. Nru tal-fattura: ta':	
2. Nru tal-fattura: ta':	
3. Nru tal-fattura: ta':	
4. Nru tal-fattura: ta':	
li għandhom jinigiebu 'l quddiem	

Tip ta' miżura u d-dokumenti ta' l-appoġġ mehmuża	L-Ammont
<p style="text-align: right;">miġjuba l quddiem</p> <p>F. Kontroll tal-pesti:</p> <p>1. Nru tal-fattura: ta':</p> <p>2. Nru tal-fattura: ta':</p> <p>3. Nru tal-fattura: ta':</p> <p>4. Nru tal-fattura: ta':</p> <p>G. Provvista ta' assistenza teknika taħt forma ta' stħarriġ u tmexxija fuq l-organizzazzjoni tal-ħsad:</p> <p>1. Nru tal-fattura: ta':</p> <p>2. Nru tal-fattura: ta':</p> <p>3. Nru tal-fattura: ta':</p> <p>4. Nru tal-fattura: ta':</p> <p>H. Il-kisba u l-użu ta' faċilitajiet għall-preparazzjoni tas-suq, l-irfiġh, l-ippakkjar, eċċ.:</p> <p>1. Nru tal-fattura: ta':</p> <p>2. Nru tal-fattura: ta':</p> <p>3. Nru tal-fattura: ta':</p> <p>4. Nru tal-fattura: ta':</p> <p>I. Assistenza teknika fl-organizzazzjoni tal-bejgħ:</p> <p>1. Nru tal-fattura: ta':</p> <p>2. Nru tal-fattura: ta':</p> <p>3. Nru tal-fattura: ta':</p> <p>4. Nru tal-fattura: ta':</p>	
L-ispiża totali fuq il-pjan ta' titjib matul il-perjodu ta' referenza:	

Għandha tiġi kompluta mill-Istat Membru:	
L-Applikazzjoni ġiet riċevuta fil-	
<p>A. L-ISPIŻA ELIĠIBBLI</p> <p>1. L-ispiża totali dikjarata:</p> <p>2. Somom totali mhux eliġibbli:</p> <p>3. (1 — 2) L-ispiża ti għandha titqies:</p> <p>4. (3 × 0,55) Spiża eliġibbli:</p>	<p style="text-align: center;">Ammont</p>
<p>B. AMMONT MASSIMU PERMESS</p> <p>1. Ecus:</p> <p>2. Rata fuq 1. 9. 19 . . . :</p> <p>3. Spazju totali:</p> <p>4. (1 × 2 × 3) L-ammont totali eliġibbli:</p>	
C. L-AMMONT LI GĦANDU JITĦALLAS:	

Imħallas f':